# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Mejju 2000**

**Numru 38**

**Citaz. numru 829/92 DS**

L-Avukat Dottor Philip Manduca ghan-nom u in rappreżentanza ta' Thos. C. Smith Insurance Services Limited u dina bhala mandatarja ta' L'Union des Assurances De Paris bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurati taghha Marsovin Limited
vs
Vivian S. Bianchi u Ralph Bianchi bhala diretturi ghan-nom u in rappreżentanza tas-socjeta` Centa Holdings Limited agenti tas-socjeta` estera Surtrans S.A.S. u b'digriet tal-4 ta' Marzu 1998 gew nominati l-Avukat Joseph Bonello u l-P.L. Paul Saliba bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw is-socjeta` estera Surtrans S.A.S.

Illum, 19 ta' Mejju 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Gunju 1992 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta illi:

Fl-4 ta' Ottubru 1991 l-assigurat tal-attur nomine importa gewwa Malta permezz tal-bastiment Leopardi, trailer RC04485 "1.100 casse uva da vino bianco per uso industriale". (CMR Dok. A)

meta din il-merkanzija giet irtirata mill-importatur instab li kienet f'stat hazin tant li l-merkanzija kollha kellha tigi distrutta;

l-merkanzija kollha giet konsenjata lill-importatur fl-istess stat;

l-merkanzija kienet fil-kustodja tal-konvenuti meta rrizultaw dawn in-nuqqasijiet;

l-konvenuti nomine naqsu li jadempixxu l-obbligi taghhom li jikkonsenjaw il-merkanzija fi stat tajjeb kif ircevewha u/jew kienu negligenti fil-kustodja tal-merkanzija billi ma hadux il-misuri necessarji sabiex jipprotegu l-merkanzija u ghalhekk huma responsabbli ghall-hsarat sofferti u peress li r-refrigeration fit-trailer li fih giet trasportata l-merkanzija ma kienitx qeghda tahdem kif suppost u ghalhekk il-merkanzija thassret. (ara Survey Report Dok.B).

l-attur nomine hallas lill-importatur assigurat tieghu s-somma ta' erbat elef u mitt liri Maltin (Lm4100) ghal dan it-telf u gie surrogat fid-drittjiet ta' l-istess assigurat kif jidher mill-anness Dok C.

is-socjeta attrici kellha thallas ukoll Lm195 f'survey fees u spejjes in konnessjoni ma dan il-claim.

il-konvenuti nomine naqsu li jhallsu ghat-telf u/jew hsara ghalkemm interpellati;

talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-assigurat tal-attur nomine;

2. Tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attur nomine l-ammont ta' erbat elef u mitejn u hamsa u disghin liri Maltin (Lm4295)

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali mid-data tal-pagament u cioe' 12 ta' Frar 1992 sad-data tar-rifuzjoni effettiv.

Il-konvenuti nomine jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Vivian S. Bianchi et nomine fejn qalu:

1. illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li l-esponenti ma kienx qieghed igorr il-merkanzija f'container difettuz u jekk dan gralu xi hsara l-esponent nomine ma setghux jghamlu xejn sabiex jirrangawh. Ghalhekk jekk gara xi hsara dak kien kaz fortuitu li ma ghandux jigi akkollat fuq l-esponenti nomine.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ Vivian S. Bianchi nomine ta’ l-4 ta’ Dicembru 1995 fejn iddikjara li s-socjeta` minnu rapprezentata hawn Malta m’ghadhiex tirrapprezenta lis-socjeta` estera attrici (**corrige:** konvenuta) u konsegwentement ma jistax jibqa’ jirrapprezentaha gudizzjarjament f’din il-kawza;

Rat ir-rikors ta’ l-attur nomine ta’ l-4 ta’ Frar 1998 fejn talab in-nomina ta’ kuraturi sabiex jirrapprezentaw is-socjeta` estera Surtrans S.A.S.;

Rat id-digriet ta’ l-4 ta’ Marzu 1998 fejn gew nominati l-Avukat Dottor Joseph Bonello u l-Prokuratur Legali Paul Saliba bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera Surtrans S.A.S.;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi msemmija fejn qalu:

1. Illi huma m'humiex edotti mill-fatti tal-kawza;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat il-verbali tax-xiehda migbura mill-perit legali Dr. Abigail Lofaro;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda konsenja gheneb li s-socjeta` Marsovin Limited importat f'Malta f'Ottubru 1991 u li kien iddeterjora waqt it-trasport b'mod li kellu jintrema'. Huma ghamlu "claim" mas-socjeta` assiguratrici attrici li halsithom is-somma ta' Lm4100 in soddisfazzjon ta' l-istess "claim". Apparti dan halset Lm195 "survey fees". Ghalhekk is-socjeta` attrici qed titlob rimborz ta' l-ammont komplessiv ta' Lm4295.

Filwaqt li l-kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera Surtrans S.A.S. eccepew li mhumiex edotti mill-fatti, ir-rapprezentanti originali ta' din is-socjeta`, cioe` s-socjeta` Centa Holdings Ltd., kienu eccepew li l-merkanzija ma kenitx qed tingarr f'container difettuz u jekk dan gralu xi hsara dan kien kaz fortuwitu.

Dwar x'sehh f'dan il-kaz xehed **Victor Bonello** li jahdem bhal "chief buyer" mas-socjeta` Marsovin Ltd. Huwa kien prezenti meta l-container tghabba bl-gheneb fl-ghalqa stess fejn jinqata'. Huwa spjega li dan ix-xoghol isir bejn il-5.00 a.m. u s-2.30 p.m. Qabel ikun gie sterilizzat u meta jibdew jinballaw u jaslu bejn wiehed u iehor tliet kwarti mil-"load", jistartjaw ir-"refrigerating system" tat-trailer biex jippruvaw ibaxxu t-temperatura u jkomplu jimlew. Meta jimtela' jaghlquh u jehduh fil-"winery" biex jintizen u jsiru d-dokumenti. Filwaqt li l-"ambient temperature" ikun ta' circa 24 – 28 grad Celsius, meta jistartjaw ir-"refrigerating system" jissettjaw il-"gauge" ghal 15-il grad u meta jinghalaq it-"trailer" dan jitbaxxa ghal 10 gradi. Wara li jkunu garrewh ghall-post fejn isir id-dokumentazzjoni, inizzluh ghal 5 gradi u qabel ma jitlaq ghal Reggio jnizzluh 0 gradi. Din l-operazzjoni tal-"pressure gauging" isir mid-driver tas-Surtrans. Qabel ma jinghalaq it-"trailer", ix-

xhud qal li jaccerta ruhu li r-"refrigerating system" sa dak il-hin ghadha qed tahdem sew. Kieku jkun hemm xi problema jikkuntattja lil Antonio Suraci, il-proprjetarju tas-Surtrans, biex issir it-tiswija mehtiega. Ma jidhirx li fil-kaz in kwistjoni nqalghet din in-necessita` qabel ma nghalaq it-"trailer". Huwa kien jibghat it-"trailer" issettjat fuq 0 gradi izda gieli lmentawlu l-kollegi tieghu fl-ufficcju li t-"trailers" ma kinux qed jaslu ksehin bizzejjed. Qal li filwaqt li sa massimu t-temperatura trid tkun 5 gradi, huwa difficli li l-merkanzija li tkun fin-nofs tkun ukoll massimu ta' 5 gradi ghax tkun kompatta. Meta l-kollegi tieghu kienu jilmentaw mieghu dwar it-temperatura, huwa kien jikkuntattja lil Suraci u jghidlu li l-istruzzjonijiet dwar it-temperatura jridu jigu osservati f'kull hin u dan iwiegbu li ser jaghmel hekk.

**Mario Magro** li wkoll kien impjegat mas-socjeta` Marsovin Ltd, xehed li gieli kellem lil Antonio Suraci minhabba li ma kienx soddisfatt bit-temperatura li fiha waslet il-merkanzija u jsaqsieh kienx hemm xi raguni, u ghalkemm l-gheneb kien jigi accettat, kien jigbed l-attenzjoni ta' Suraci biex jinforma lill-impjegati tieghu jiehdu hsieb li jimxu mal-procedura fit-"trip" sussegwenti sabiex ma jigrix l-istess. Hu kien jaccetta li jinforma lill-impjegati izda kien jinnega li n-nuqqas kien kawzat minn cirkostanzi fil-kontroll tieghu. Dwar il-kaz in ezami huwa qal li ma setghux jistabilixxu l-kawza ghall-hsara li kien hemm fil-merkanzija. Kien kellem lil Suraci biss dwar il-fatt li gara l-incident. In kontro-ezami dan ix-xhud qal li l-possibilita` li l-merkanzija tasal mhux kif mixtieqa huma diversi: l-"ambient temperature" mnejn inqata' l-gheneb, il-mod kif ikun stivat fil-kaxxi, u l-makkinarju tar-"reefer trailer" innifsu.

M'hemmx dubju li t-trasportatur kien responsabbli biex jara li l-merkanzija tasal ghand l-importatur f'kondizzjoni idoneja. Billi din kienet tikkonsisti f'gheneb, li huwa "perishable" kien mehtieg l-uzu ta' "refrigerated trailer". Ghalhekk it-trasportatur kellu jassigura ruhu li l-makkinarju kien jiffunzjona tajjeb. Mix-xiehda ta' Victor Bonello jidher li meta t-"trailer" tghabba bil-prodott, il-makkinarju kien qed jahdem. Sakemm wasal Malta ma baqax jahdem u ghalhekk it-temperatura fit-"trailer" telghet talment li l-prodott thassar. Ma jirrizultax f'liema stadju dan seta' gara, pero` lanqas ma jirrizulta l-kaz fortuwitu li gie originarjament allegat mis-socjeta` konvenuta. Ma jirrizultax jekk l-istess socjeta` konvenuta estera haditx mizuri biex tara li l-makkinarju jibqa'

jiffunzjona. Fil-fatt l-ebda prova ma tressqet minnha. Is-socjeta` konvenuta estera kellha l-obbligu li tipprovdi "trailer" bir-"refrigeration system" funzjonanti. F'dan naqset u ghalhekk hija responsabbli ghad-danni konsegwenzjali.

It-talbiet attrici ghaldaqstant jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara li s-socjeta` konvenuta estera Surtrans S.A.S. hija responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-assigurat ta' l-attur nomine,
(2) tikkundanna lill-kuraturi deputati msemmija in rapprezentanza ta' l-istess socjeta` konvenuta estera ihallsu lill-attur nomine s-somma mitluba ta' Lm4295 bl-imghax mid-data tac-citazzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti kuraturi nomine.

**Onor. Imhallef David Scicluna**

**D/Registratur**